**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shamus Woods)**

**Vs**

**Dorde Crnjakovic**

**Illum 24 ta' April 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Dorde Crnjakovic** ta' tletin (30) sena, imwieled il-Kroazja nhar il-5 ta' Diċembru 1992 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0154274A, talli nhar it-18 ta' April 2023, għall-ħabta tat-8:00a.m., u/jew fil-jiem u/jew fil-ġimgħat ta' qabel f'Malta:

1. Ikkommetta serq ta' mutur ta' l-għamla Sunra Anger-S bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JCN-621, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-ħin, għad-dannu tas-soċjetà Waste Resource Limited WRL u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra;

2. B'mezzi xort' oħra minn dawk imsemmija fis-sub-titolu IV tat-Titolu IX tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, cioè fuq l-istess mutur, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) iżda iżjed minn mitejn u ħamsin Euro (€250) għad-dannu tas-soċjetà Waste Resource Limited WRL u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra;

3. Naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn RPC3014 u RPC3153, uffiċjali pubbliċi waqt li kienu qed jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħallihomx jaqdu, jew fixkel jew indaħal lill-imsemmija uffiċjali waqt il-qadi ta' dmirjiethom;

4. Saq jew ipprova jsuq jew kellu fil-kontroll tiegħu l-vettura ta' l-għamla Sunra Anger-S bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JCN-621 fi triq jew f'post pubbliku ieħor meta kien ikkonsma tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mil-limitu preskritt;

5. Waqt li kien qed isuq jew riekeb fuq il-mutur jew il-quadbike ta' l-għamla Sunra Anger-S bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JCN-621 naqas li jilbes il-crash helmet;

6. Saq il-vettura ta' l-għamla Sunra Anger-S bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JCN-621 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna lil Dorde Crnjakovic sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "K;

Rat li l-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien biex jerġa' jirrikonsidraha u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar it-18 ta' April 2023, għall-ħabta tat-8:00a.m., u/jew fil-jiem u/jew fil-ġimgħat ta' qabel f'Malta: (1) ikkommetta serq ta' mutur ta' l-għamla Sunra Anger-S bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JCN-621, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-ħin, għad-dannu tas-soċjetà Waste Resource Limited WRL u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra; (2) b'mezzi xort' oħra minn dawk imsemmija fis-sub-titolu IV tat-Titolu IX tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, cioè fuq l-istess mutur, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) iżda iżjed minn mitejn u ħamsin Euro (€250) għad-dannu tas-soċjetà Waste Resource Limited WRL u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra; (3) naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn RPC3014 u RPC3153, uffiċjali pubbliċi waqt li kienu qed jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħallihomx jaqdu, jew fixkel jew indaħal lill-imsemmija uffiċjali waqt il-qadi ta' dmirjiethom; (4) saq jew ipprova jsuq jew kellu fil-kontroll tiegħu l-vettura ta' l-għamla Sunra Anger-S bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JCN-621 fi triq jew f'post pubbliku ieħor meta kien ikkonsma tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mil-limitu preskritt; (5) waqt li kien qed isuq jew riekeb fuq il-mutur jew il-quadbike ta' l-għamla Sunra Anger-S bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JCN-621 naqas li jilbes il-crash helmet; (6) saq il-vettura ta' l-għamla Sunra Anger-S bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JCN-621 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Minkejja tali ammissjoni però, il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati tar-reat ta' serq bil-kwalifika tal-ħin stante li mic-*Charge Sheet* stess jirriżulta li r-reat ta' serq lilu imputat seħħ fit-8:00a.m., ħin li ċertament ma jistax jitqies li jaqa' entro il-parametri ta' l-Artikolu 270 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant, in kwantu rigwarda r-reat ta' serq li bih qed jiġi mixli l-imputat bl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, il-Qorti għandha, fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat u fid-dawl ta' dak appena osservat, issib lill-imsemmi imputat ħati tar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeċċedi s-somma ta' €2,329.37. In kwantu rigwarda l-imputazzjonijiet l-oħra kollha dedotti fil-konfront ta' l-imputat, a bażi ta' l-ammissjoni tiegħu, il-Qorti għandha ssibu ħati ta' tali imputazzjonijiet hekk dedotti kontrih.

Għall-finjiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni s-segwenti fatti: (i) in-natura tar-reati dedotti fil-konfront ta' l-imputat u minnu ammessi; (ii) l-imputat għandu fedina penali netta; (iii) l-ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri; (iv) it-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih; u (v) ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat huma assorbiti fis-sitt imputazzjoni dedotta kontrih.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(d), 31, 261(b)(ċ), 263(a), 267, 278(1)(2), 279(b) u 280(2), inkluż il-proviso ta' dan l-aħħar provvediment tal-Liġi, 325(1)(b) u 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 15(1)(a), 15B(1), 15H(1)(a) u 55 tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta u ir-Regolament 123(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, limitatament però għar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeċċedi €2,329.37, u ħati wkoll ta' l-imputazzjonijiet l-oħra kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' tnejn u għoxrin (22) xahar priġunerija iżda billi l-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq l-imputat, senjatament il-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta u rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri, a tenur ta' l-Artikolu 28A u 28E(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' tnejn u għoxrin (22) xahar priġunerija hawn impost fuq l-imputat għal sentejn (2) b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 28H tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza l-imputat iħallas lis-soċjetà Waste Resource Limited is-somma ta' €454.30 rappreżentanti d-danni kawżati lill-mutur ta' l-għamla Sunra Anger-S bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JCN-621 mertu ta' dawn il-proċeduri.

Il-Qorti qed twissi lill-imputat li jekk jonqos milli jikkonforma ruħu mad-direttiva hawn imposta fuqu ai termini ta' l-Artikolu 28H tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta entro t-terminu prefiss ta' sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza, is-soċjetà Waste

Resource Limited tista' tagħmel Rikors quddiem il-Qorti, liema Rikors ikollu jiġi notifikat lill-imputat u jiġi appuntat għas-smigħ fi żmien sebat ijiem min-notifika, u jekk il-Qorti, wara tali smigħ, tkun sodisfatta li l-imputat jkun naqas milli hekk jikkonforma ruħu mad-direttiva hawn imposta fuqu, għandha tordna li s-sentenza sospiża tibda sseħħ, jew, għal kawża raġonevoli, tista' tikkonċedi lill-imputat żmien ieħor perentorju li ma jkunx iktar minn xahar, sabiex jikkonforma ruħu mad-direttiva imsemmija.

Ai termini ta' l-Artikoli 15(3) u 15H(2) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda Esperti, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' 534AD tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk iridx traduzzjoni bil-miktub ta' din is-sentenza f'lingwa li jifhem, u huwa iddikjara li jixtieq li jkollu traduzzjoni bil-miktub tas-sentenza bil-lingwa Serba.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**